PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/0158(CNS)

26.2.2009

EMENDI
20 - 24

Abbozz ta' rapport
Ioannis Varvitsiotis
(PE419.930v01-00)

dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja

Proposta għal deċiżjoni
(17002/2008 – C6-0009/2009 – 2006/0158(CNS))

Emenda 20
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13 a (ġdida)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	(13a) Fil-każ ta' ksur ta' miżura ta' sorveljanza Ewropea, l-awtorità tal-ħruġ tista' tiddeċiedi li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bl-iskop tat-trasferiment tal-persuna ssuspettata lejn l-Istat tal-ħruġ. F'ċirkustanzi bħal dawn, li għandhom ikunu limitati strettament għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 tkopri l-offiżi kollha li għalihom tista' tinħareġ miżura ta' sorveljanza Ewropea.

Or. en

Justification

Sabiex ikunu konsistenti mal-kliem tat-titolu l-ġdid tal-abbozz tal-Kunsill.

Emenda 21
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 - paragrafu 1 - punt f a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	fa) obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus bħala garanzija jew tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella tingħata f'darba;

Or. en

Justification

Għandha tkun inkluża garanzija monetarja jew ta' tip ieħor ta' garanzija fil-paragrafu obbligatorju ta' dan l-Artikolu. Huwa faċli li wieħed jiddefinixxi u japplika din it-tip ta' miżura ta' sorveljanza . Huwa wkoll faċli u aċċessibbli biex din il-miżura tkun immonitorjat u dan ma jinvolvi l-ebda spiża supplimentari.

Emenda 22
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 - paragrafu 2 - punt c

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
c) obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus bħala garanzija jew li tingħata tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella f'darba;	***imħassar***

Or. en

Justification

Imħassar fl-interess tal-konsistenza mal-Emenda 21.

Emenda 23
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal deċiżjoni
Anness 1 – Kaxxa taċ-ċertifikat (g) - paragrafu 3 - subparagrafu 2 - inċiż 3

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus bħala garanzija jew li tingħata tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella f'darba;	***imħassar***

Or. en

Justification

Imħassar fl-interess tal-konsistenza mal-emendi 21 rigward l-Artikolu 8.

Emenda 24
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal deċiżjoni
Anness 1 – Kaxxa taċ-ċertifikat (g) - paragrafu 3 - subparagrafu 2 - inċiż 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus bħala garanzija jew tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella tingħata f'darba;

Or. en

Justification

Imħassar fl-interess tal-konsistenza mal-emendi 21 rigward l-Artikolu 8.